

32006R0066

L 11/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

17.1.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 66/2006**tas-16 ta' Jannar 2006****li jeżenta t-trasferiment ta' kwantitajiet żgħar ta' minerali, materja prima u materjali speċjali fissili mir-Regoli tal-Kapitolu dwar Provvisti**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

jew torju), fil-limitu ta' 5 tunellati kull sena għal kull esportatur fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-materjali.

Wara li kkunsidrat it- Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u b'mod partikulari l-Artikoli 2(d), 74, 77, 124 u 161 tiegħu,

Artikolu 2

Billi:

Fir-rigward ta' materjali fissili speċjali, trasferimenti fi ħdan l-importazzjonijiet għal ġo u l-esportazzjonijiet mill-Komunità għandhom ikunu eżenti mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tat- Titolu II tat-Trattat, kemm-il darba l-kwantitajiet involuti, imqabla mal-forma elementari, ma jeċċedux il-200 gramma ta' uranju-235, uranju-233 jew plutonju f'kull transazzjoni sa limitu annwali ta' 1 000 gramma ta' kull sustanza għal kull utent. Fil-każ ta' importazzjonijiet u esportazzjonijiet dan għandu japplika suġġett għad-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim ta' koperazzjoni konkluż mill-Komunità ma' pajjiżi terzi.

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 17/66/Euratom tad-29 ta' Novembru 1966 li jeżenta t-trasferiment ta' kwantitajiet żgħar ta' minerali, materja prima u materjali speċjali fissili mir-Regoli tal-Kapitolu dwar Provvisti ⁽¹⁾ ġie emendat ⁽²⁾ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

Artikolu 3

(2) Il-pożizzjoni dwar il-provvista tal-Komunità fir-rigward ta' materjali nukleari tagħmilha possibbli li l-eżenzjoni provduta fl-Artikolu 74 tat-Trattat tiġi awtorizzata b'tali manjiera li tiżgura li l-utenti kollha jistgħu jirċievu provvista regolari u ekwitabbli ta' minerali, materja prima u materjali speċjali fissili,

Kull persuna li tagħmel importazzjoni jew esportazzjoni u kull fornitur li jagħmel trasferiment fi ħdan il-Komunità, taħt l-eżenzjoni provduta fl-Artikolu 1 u 2 jissottometti lill-Aġenzija Fornitriċi prospett ta' kull kwart tas-sena tat-transazzjonijiet hekk magħmula, u jagħti l-informazzjoni li ġejja:

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

- (a) id-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' provvista;
- (b) l-ismijiet tal-partijiet kontraenti;
- (ċ) il-post fejn il-materja kienet prodotta;
- (d) in-natura kimika u fiżika (jew kimika jew fiżika) tal-prodotti;
- (e) il-kwantitajiet f'unitajiet metriċi;
- (f) l-użu li sar jew li se jsir minn dawn il-minerali, materja prima u materjali speċjali fissili.

Artikolu 1

Dawn li ġejjin għandhom jiġu eżentati mid-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tat- Titolu II tat-Trattat, fir-rigward tal-minerali u materja prima ta' minerali u uranju u torju:

- (a) trasferimenti fi ħdan u importazzjonijiet lejn il-Komunità ta' kwantitajiet li ma jaqbżux, għal kull transazzjoni, tunellata ta' kontenut ta' uranju u torju (jew uranju jew torju), fil-limitu ta' 5 tunellati kull sena għal kull utent fir-rigward ta' kull waħda minn dawn il-materjali;
- (b) esportazzjonijiet mill-Komunità ta' kwantitajiet li ma jaqbżux tunellata ta' kontenut ta' uranju u torju (jew uranju

Id-dikjarazzjonijiet imsemmija f'punt (e) ta' l-ewwel paragrafu għandhom ikunu espressi f'kilogrammi ta' uranju jew torju li jinsabu f'minerali u materja prima, u fi grammi fir-rigward ta' uranju-233, uranju-235 jew plutonju li jinsabu f'materjali speċjalijiet fissili. Numri li jkun fihom frazzjoni deċimali għandhom jitnaqqsu jew jiżdiedu għall-eqreb numru sħiħ '1 isfel jew il fuq skond jekk il-frazzjoni deċimali hix ikbar jew inqas minn 0,5. Fejn il-frazzjoni deċimali hija 0,5, in-numru għandu jitnaqqas jew jiżdied għall-eqreb numru sħiħ 'il fuq jew '1 isfel skond jekk in-numru li jippreċedi l-punt deċimali hux biż-żewġ jew bil-fart.

(1) ĠU 241, 28.12.1966, p. 4057/66. Regolament kif emendat mir-Regolament (Euratom) Nru 3137/74 (ĠU L 333, 13.12.1974, p. 27).

(2) Ara l-Anness I.

Ir-rapporti li jhorgu darba fix-xahar jiġu mibgħuta lill-aġenzija fi żmien xahar mit-tmiem ta' kull kwart tas-sena fejn it-transazzjonijiet li jkunu qed jirreferu għalihom f'dan ir-regolament ikunu effttwati.

Artikolu 4

Ir-Regolament Nru 17/66/Euratom hu mħassar.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar is-16 ta' Jannar 2006.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftehm bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni
José Manuel BARROSO
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX I

Regolament imħassar flimkien ma' l-emendament tiegħu

Regolament tal-Kummissjoni Nru 17/66/Euratom (ĠU 241, tat-28.12.1966, p. 4057/66)

Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 3137/74 (ĠU L 333, tat-13.12.1974, p. 27)

ANNEX II

Tabella Ta' Korrelazzjoni

Regolament Nru 17/66/Euratom	Dan ir-Regolament
Artikolu 1, kliem tal-bidu	Artikolu 1, kliem tal-bidu
Artikolu 1, l-ewwel inċiż	Artikolu 1(a)
Artikolu 1, it-tieni inċiż	Artikolu 1(b)
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu	Artikolu 3, l-ewwel paragrafu
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu, nota numru 3	Artikolu 3, it-tieni paragrafu
Artikolu 3, it-tieni paragrafu	Artikolu 3, it-tielet paragrafu
—	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
—	Anness I
—	Anness II